# Formola tal-Ilment

Din il-formola hija maħsuba sabiex tgħinek timla d-dettalji meħtieġa biex tressaq ilment. Biex inkunu nistgħu nittrattaw l-ilment tiegħek, għandna bżonn li jkollna tagħrif speċifiku mingħandek.

Inti tista' ma tużax din il-formola sakemm tagħtina d-dettalji kollha mixtieqa.

Meta jitressaq ilment għall-investigazzjoni, għandha tintbgħat kopja ffirmata tal-ilment flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa u jiġu indirizzati lil:

L-Ombudsman
Uffiċċju tal-Ombudsman
11 Triq San Pawl
Il-Belt Valletta
VLT 1210

L-ilmenti kollha għandhom ikunu indirizzati lill-Ombudsman Parlamentari, li mbagħad jassenja l-każijiet lill-Kummissarji speċjalizzati jekk hu meħtieġ.

Jekk min jilmenta jeħtieġ aktar spazju fejn jikteb fit-taqsimiet rispettivi jista' juża paġni addizzjonali.

| 1. Dettalji Personali | |
|---|---|
| **Isem** | |
| **Kunjom** | |
| **Numru tal-Karta tal-Identita`** | |
| **Għan-nom ta'** (jekk applikabbli): | |
| **Indirizz** | |
| **Nru tat-Telefon** | |
| **Nru tal-*Mobile*** | |
| ***Email*** | |

## 2. Deskrizzjoni fil-qosor tal-ilment tiegħek

## 3. Dwar liema dipartiment tal-gvern, aġenzija, organizzazzjoni jew servizz tixtieq tressaq ilment?

Nota: Il-lista ta' persuni, istituzzjonijiet pubbliċi, kif ukoll kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu investigati mill-Ombudsman tinsab fit-taqsima tal-FAQs fuq il-*website* tagħna.

## 4. Agħti tagħrif dwar il-każ tiegħek, l-azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni mill-entita` pubblika li dwarha qiegħed jitressaq dan l-ilment.

Nota: L-Att dwar l-Ombudsman, jipprovdi illi l-Ombudsman ma jistax jinvestiga lmenti jekk min ikun ilmenta, ikun ilu jaf bil-kwistjoni għal aktar minn sitt xhur. Madanakollu, l-Ombudsman jista' jiddeċiedi li jistħarreġ ilment li ma jkunx sar f'dan il-perjodu kif titlob il-liġi, jekk ikun tal-fehma li hemm ċirkostanzi speċjali li jkun xieraq li jagħmel dan. L-Att dwar l-Ombudsman jipprovdi wkoll illi l-ilment ma jiġix aċċettat għall-investigazzjoni jekk min iressaq l-ilment ma jkollux biżżejjed interess personali fil-kwistjoni li dwarha ikun qiegħed jilmenta.

## 5. Meta sirt taf b'din l-inġustizzja?

## 6. Inti diġà ħadt passi biex tipprova issolvi l-problema, jew tlabt li jkun hemm reviżjoni, rikonsiderazzjoni, jew appell mid-deċiżjoni li inti tħoss li hija inġusta?

Iva ☐ Le ☐

7. **Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 6 hija Iva, agħti d-dettalji tal-azzjoni li ttieħdet minn naħa tiegħek. (Hemeż id-dokumentazzjoni relevanti)**

| |
|---|
| |

8. **Għaliex taħseb li ġejt trattat b'mod inġust jew li d-drittijiet tiegħek ġew miċħuda?**

| |
|---|
| |

## 9. X'riżultat qed tistenna li tikseb permezz tal-ilment tiegħek biex l-affarijiet jiġu irranġati u tiġi riżolta s-sitwazzjoni tiegħek?

## 10. Awtorizazzjoni

Jien nixtieq li l-Ombudsman jinvestiga dan l-ilment u nagħti l-kunsens li jinkisbu d-dokumenti kollha relevanti għall-fini tal-istħarriġ tal-ilment skont l-Att dwar l-Ombudsman.

Fejn ilment jinvolvi kura medika jew ta' saħħa, dan il-kunsens jinkludi li l-Ombudsman ikollu aċċess għall-informazzjoni medika personali li tinżamm mill-Gvern kif meħtieġ fl-investigazzjoni. (Ħassar/Elimina fejn ma japplikax)

______________________________

**Firma**

______________________________

**Data**

Dawk il-persuni li jsibuha diffikulta biex jiktbu l-ilment tagħhom, jistgħu jew iċemplu u jkellmu lill-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (PRO) fl-Uffiċċju, jew inkella jiġu fl-Uffiċċju tal-Ombudsman u jiltaqgħu personalment mal-PRO sabiex jingħataw assistenza.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman huwa miftuħ għall-pubbliku kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ottubru - Mejju | 08:30 - 12:00 |
| | 13:30 - 15:00 |
| Ġunju - Settembru | 08:30 - 12:30 |

Din l-istituzzjoni temmen li l-ilmenti għandhom jiġu riżolti b'mod informali u għalhekk min jixtieq iressaq l-ilment tiegħu lill-Ombudsman m'għandux għalfejn jirrikorri għas-servizzi ta' persuna professjonali bħal ma huwa avukat, rappreżentant ta' *trade union*, sindku jew kunsillier. Ilmenti illi jitressqu quddiem l-Ombudsman minn xi wieħed minn dawn il-persuni jirċievu l-istess trattament bħal kumplament tal-ilmenti l-oħra. Is-servizz mogħti mill-Ombudsman huwa kollu bla ħlas.


**Uffiċċju tal-Ombudsman**
**11 Triq San Pawl**
**Il-Belt Valletta**
**VLT 1210**

Numru tat-telefon: +356 2248 3200

Numru tal-Fax: +356 2124 7924

Għal tagħrif ġenerali: office@ombudsman.org.mt

Għal tagħrif ta' relazzjonijiet pubbliċi: pro@ombudsman.org.mt


**www.ombudsman.org.mt**